# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 17 ta' Gunju 2002**

**Numru 3**

**Avviz numru 250/00mm**

**John Desira**

**Vs**

**Eric Wadge**

Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mill-attur fit-3 ta' Marzu, 2000, fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut illi jhallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata minn din il-Qorti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, u rapprezentanti d-danni kkagunati mill-konvenut fl-incident awtomobilistiku li sehh nhar is-27 ta' Novembru, 1998, go Triq Tal-Barrani, Zejtun, bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBY 319 proprjeta' ta' l-attur u il-vettura Citroen AX bin-numru tar-registrazzjoni IAO 031 proprjeta' ta' John G. Micallef u misjuqa mill-konvenut, u dana prevja dikjarazzjoni illi l-incident in kwistjoni sehh

unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja, u nuqqas ta' tharis propju tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra bonarja tat-22 ta' Jannar, 1999, u ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment u notifikata lid-ditta assikuratrici tal-konvenut, u bl-imghaxijiet dekorribbli b'effett mit-3 ta' Marzu, 2000, sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvneut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ghall-fini tal-kompetenza, l-attur jiddikjara li l-valur tad-danni ma jeccedux il-hames mitt lira Maltin (Lm500).

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1. L-esponenti mhux responsabbli ghall-incident in kwistjoni u m'ghandu jbati ebda spejjez allegatament inkorsi mill-attur; fil-fatt, l-incident sehh unikament bi traskuragni, negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-attur meta hareg ghall-go main road minghajr id-debita kawtela.

2. Sid il-vettura misjuqa dakinhar mill-esponenti qieghed, fil-fatt, jipprocedi kontra l-attur ghad-danni li sofra fil-vettura tieghu (ara dawza 'John G. Micallef vs John Desira', Avviz 1862/99/MM).

3. Salv jekk ikun il-kaz eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u id-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza kienet qed tinstema' kontestwalment mal-kawza numru 1862/99 fl-ismijiet John G. Micallef vs John Desira.  Din il-kawza giet deciza llum 17 ta' Gunju, 2002, b'ezitu kontra John Desira.

Ghalhekk din il-Qorti taghmel 'piena' referenza ghall-argumenti migjuba fil-kawza fuq imsemmija u taghmel taghha l-istess argumenti peress illi 'si tratta' ta' l-istess incident fejn l-attur odjern huwa konvenut fil-kawza l-ohra.

A skans ta' ripetizzjoni, ghalhekk il-Qorti taddotta wkoll l-istess konkluzjonijiet; u

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba ta' l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

Anthony Zammit
Deputat Registratur